**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1349/2016/1 AF**

**Carmelo sive Chalie Spiteri, Michael Spiteri u Rita Spiteri**

**vs**

**Awtorità tal-Ippjanar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmelo sive Chalie Spiteri, Michael Spiteri u Rita Spiteri.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti zzomm lill-Awtorità tal-Ippjanar milli twaqqa' jew tibdel strutturi ezistenti fuq proprjetà mqabbla lilhom f'Marsaxlokk.

L-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*
>
> *(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*
>
> *(4) Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita aġixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż tal-persuna inibita."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi in relazzjoni mal-istrutturi mertu tar-rikors inhargu zewg Avvizi ta' Twettiq li jgibu n-numru

EC227/15 u EC233/15 u dawn minhabba zvilupp "outside development zone" u zvilupp fuq art skedata bhala art ta' importanza ekologika.

Jirrizulta illi dawn l-avvizi gew injorati totalment mir-rikorrenti. Ma gie mressaq ebda appell minnhom skond il-ligi quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Ma ngabet lil din il-Qorti ebda raguni li twassalha biex tqis li r-rikorrenti ghandhom xi jedd kif jallegaw.

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Tarcisio Borg vs Onor. Prim Ministru et (12 ta' Jannar 2015) kif ukoll ghad-digriet moghti minn din il-Qorti fl-att tal-mandat Nru. 588/2016 fl-ismijiet Bonnett vs l-Awtorità ghall-Ambjent u r-Rizorsi u l-Awtorità tal-Ippjanar (18 ta' Mejju 2016) u taghmel pjenament taghha l-insenjament hemm riportat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-20 ta' Settembru 2016 u tichad it-talba definittivament.

IMHALLEF